

# Miljun tifel u tifla maqgħudin fil-Jum Dinji ta' Talb għall-Paċi

**DREAM**

**Miljun tifel u tifla jitolbu għall-unità u l-paċi taħt il-protezzjoni ta' Sidtna Marija!**

**Nhar il-Ħadd, 18 t'Ottubru 2015 ingħaqad magħna**
**biex flimkien inwettqu din il-ħolma f'realtà**

L-Aid to the Church in Need qed tħeġġek biex tipparteċipa f'dan l-avveniment li qed jistieden lit-tfal madwar id-dinja biex jingħaqdu fit-talb tar-Rużarju taħt il-patroċinju ta' Sidtna Marija.

L-iskop ta' din l-idea hu li nxerrdu l-bżonn tat-talb għall-paċi ġewwiena ta' kull bniedem, kif ukoll għall-għaqda u l-paċi fil-familji, fil-pajjiżi u fid-dinja kollha.

It-talba tar-Rużarju għall-paċi ġiet proposta kemm-il darba mill-Papiet. San Ġwanni Pawlu II kien qal, "Illum nixtieq nafda ruħi fil-qawwa ta' din it-talba bħala l-kawża għall-paċi fid-dinja u fil-familja".

Sabiex inwettqu din il-ħolma, m'hemmx bżonn tmur imkien jew tonfoq flus.

Din il-ġurnata ta' talb ser issir fid-djar, fil-playgrounds, fil-Knejjes u kulfejn it-tfal ikunu qegħdin fid-9.00a.m. nhar il-Ħadd, 18 t'Ottubru. It-tfal li jinsabu l-isptar, f'care centres, jew mhux mal-familji tagħhom huma mħeġġa jipparteċipaw wkoll.

L-appoġġ tiegħek huwa utli u ta' valur kbir. Mingħajr l-għajnuna tiegħek, din il-ħolma ma tistax issir realtà. Aħna ninsabu persważi li din il-ħidma hi importanti ħafna. Wieħed irid iżomm f'moħħu l-barka li ser tingħata lid-dinja mill-Qalb Immakulata ta' Ġesù u Marija meta jisimgħu t-talb ta' tant tfal minn madwar id-dinja.

Biex nirrejalizzaw din il-ħolma, għandna bżonnok!

***"Naħseb li jekk miljuni ta' tfal jgħidu r-Rużarju, id-dinja tinbidel."***
***San Pio tal-Pjagi***

Jekk tixtieq tingħaqad magħna, jekk jogħġbok ċempel jew ibgħatilna email permezz tad-dettalji t'hawn taħt.

Aid to the Church in Need (Malta)
Prayer · Information · Action
☎ 21487818
info@acnmalta.org
39b, Mdina Road, Attard, ATD 9038.
facebook.com/Aid To The Church in Need MALTA
@acn_malta
www.acnmalta.org